Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9051 — Sheares Healthcare/TPG Growth/AHH)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 272/08)

1. Fis-27 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sheares Healthcare Group Pte. Ltd ("Sheares Healthcare", Singapore), li tappartjeni għal Temasek (Singapore);

— TPG Growth III SF Pte. Ltd ("TPG Growth", Singapore), li tappartjeni għal TPG (l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Asia Healthcare Holdings Pte. Ltd ("AHH", Singapore), ikkontrollata minn TPG Growth.

Sheares Healthcare u TPG Growth jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' AHH kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sheares Healthcare: il-forniment ta' servizzi ta' twassil tal-kura tas-saħħa fl-Asja. Temasek hija kumpanija dinjija tal-investiment;

— TPG Growth: parti minn TPG, ditta dinjija tal-investiment privat li tmexxi familja ta' fondi li jinvestu f'varjetà ta' kumpaniji permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv;

— fAHH: għandha interessi ta' kontroll i) f'Rhea Healthcare Pte. Ltd, li tħaddem network ta' ċentri tal-kura tal-omm u t-tarbija fl-Indja u ii) Cancer Treatment Services International, li tħaddem network ta' faċilitajiet li jispeċjalizzaw biss fuq il-cancer fl-Indja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9051 — Sheares Healthcare/TPG Growth/AHH

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.